**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 286/2009**

**Illum: 13 ta' Novembru 2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J. Borg)**

**vs**

**OMISSIS**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Omissis

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl bejn il-15 u s-16 ta' Novembru 2008, gewwa Marsaskala, kif ukoll fil-granet ta' qabel, f'hinijiet differenti u fi bnadi ohra f'Malta:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-

Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolamenti tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

3. Aktar talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Aktar talli kkommetta reat waqt perjodu ta' sentenza ta' Ordni ta' *Probation*, liema sentenza inghatat mill-Qorti ta' Malta preseduta mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D. u li hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tal-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat ukoll illi fis-seduta tad-9 ta' April 2013, il-partijiet iddikjaraw illi kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mressqa sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Semghet trattazzjoni finali tad-difiza u rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar is-16 ta' Novembru 2008, pulizija mill-Iskwadra kontra d-Droga dahlu gewwa *Chapters*, f'Marsaskala u fit-*toilets* tal-irgiel tal-istess stabbiliment, huma waqqfu lill-imputat li, skond ix-xhieda ta' PC 1319 dak il-hin kien diehel fit-*toilets* wahdu. Minn tfittxija li saret fuq l-istess imputat, PC 1319 u PC 1036 sabu zewg boroz gewwa z-zarbun tieghu, liema boroz kienu jikkontjenu sustanza bajda suspettata kokaina.[1] L-imputat gie arrestat u mehud gewwa l-ufficju tal-Ufficjal Investigatur ghall-investigazzjoni ulterjuri. Dakinhar stess, fl-10.30 a.m., l-imputat irrilaxxja stqarrija.

Illi mir-relazzjoni tal-espert l-Ispizjar Mario Mifsud[2] jirrizulta illi d-dokument illi huwa nghata ghall-analizi kien jikkonsisti f'borza tal-plastik li fiha kien hemm *label* bajda bil-kliem 'Data 16/11/2008, Hin 3 am, Elevat/i minn PC 1319, PC 1036, fil-presenza ta' Omissis, minn goz-zarbuna tal-lemin'. F'din il-borza kien hemm zewg boroz zghar tal-plastik trasparenti li f'wahda kien hemm sustanza ta' lewn *off-white* u fl-ohra kien hemm tliet boroz tal-plastik trasparenti li fihom kien hemm sustanza ta' lewn *off-white* – b'kollox ghalhekk erba' boroz tal-plastik.

Ukoll skond l-istess relazzjoni, il-piz tat-trab f'dawn il-boroz kien ta' 0.78 grammi, 0.49 grammi, 0.49 grammi u 0.64 grammi rispettivament. L-istess espert ikkonkluda illi fis-sustanzi ta' lewn *off-white* li kien hemm fl-erba' boroz zghar tal-plastik, f'ammont nett totali ta' 2.4 grammi, instabet is-sustanza kokajina, b'purita` medja ghal din is-sustanza ta' cirka 38.3%. Is-sustanza kokajina hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

---

[1] Ara x-xhieda ta' PC 1319 Matthew Xuereb, a fol. 22 *et seq* tal-process. Dan ix-xhud gie muri Dok. JB2 kontenenti l-esebit in kwistjoni u gharafhom bhala l-pakketti li kienu nstabu fiz-zarbuna tal-imputat odjern (a fol. 23). Ara wkoll ix-xhieda ta' PC 1036 Jonathan Pace, a fol. 25 *et seq* tal-process, li wkoll gharaf l-istess esebit bhala l-pakketti elevati miz-zarbuna tal-imputat (a fol. 26).

[2] Esebita a fol. 48 *et seq* tal-process.

Kif inghad, l-imputat irrilaxxja stqarrija nhar is-16 ta’ Novembru 2008, liema stqarrija huwa ghazel li jiffirmaha u dan wara li nghata s-solita twissija vigenti dak iz-zmien, li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma jkunx jixtieq li jaghmel dan, izda dak li jghid jista’ jingieb bi prova.

Fis-seduta tal-15 ta’ Frar 2012, id-difiza talbet lill-Qorti, kif diversament preseduta, sabiex tiskarta l-istqarrija tal-imputat stante illi din ittiehdet minghajr ma nghata d-dritt li jikkonsulta ma’ avukat difensur qabel l-interrogatorju tieghu u dan ai termini tas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali ‘Pulizija vs Alvin Privitera’ tal-11 ta’ April 2011 u ‘Pulizija vs Esron Pullicino’ u ‘Pulizija vs Mark Lombardi’ tat-12 ta’ April 2011. Fl-istess seduta, gie wkoll ivverbalizzat illi l-Ufficjal Prosekutur kien qed jaqbel illi l-proceduri kontra l-imputat *in parte* ittiehdu a bazi tal-istqarrija rilaxxjata minnu.

Illi m’huwiex ikkontestat illi fil-jum li fih ittiehdet l-istqarrija tal-imputat, ossia fis-fis-16 ta’ Novembru 2008, il-ligi Maltija ma kinitx tippermetti li persuna arrestata tikkonsulta ma’ avukat qabel l-interrogazzjoni taghha mill-pulizija. Fil-fatt dan id-dritt ghall-assistenza legali qabel l-interrogatorju dahal fis-sehh fl-10 ta’ Frar 2010, permezz tal-Avviz Legali 35/2010. Irid jinghad illi wara li nghataw is-sentenzi msemmija mid-difiza fil-verbal tal-15 ta’ Frar 2010, inghataw diversi sentenzi ohrajn dwar dan il-punt, kemm mill-Qorti Kostituzzjonali stess, kif ukoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Apparti s-sentenzi msemmija mid-difiza, il-Qorti tirreferi ghal diversi sentenzi ohrajn li trattaw l-ammissibilita` o meno tal-istqarrija fin-nuqqas ta’ assistenza legali qabel l-interrogatorju *inter alia* is-segwenti: **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-8 ta’ Ottubru 2012, **Il-Pulizija vs Amanda Agius** u **Il-Pulizija vs Tyrone Fenech**, decizi mill-Qorti Kostituzzjonali fit-22 ta’ Frar 2013, **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Martin Dimech** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fis-26 ta’ April 2013, **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Antonio Abdilla et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta’ Mejju 2013, **Ir-Repubblika ta’ Malta vs Carmel Saliba**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta’ Mejju 2013, **Il-Pulizija vs Jesmond Camilleri**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta’ April 2013, **Il-Pulizija vs Alexei Zerafa**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta’ Lulju 2013, **Il-Pulizija vs Paul Cutajar** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-18 ta’ Gunju 2013, **Il-Pulizija vs Deborah Osmond**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta’ Ottubru 2013, **Il-Pulizija vs Robert Busuttil**, deciza mill-istess Qorti fl-20 ta’ Frar 2014 u **Il-Pulizija vs Natassja Gouder** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 ta’ Mejju 2014.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali** deciza fit-8 ta' Ottubru 2012, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet li l-fatt wahdu li l-istqarrija tkun ittiehdet minghajr ma l-persuna arrestata jkollha access ghal avukat, mhux bizzejjed sabiex jista' jinghad li kien hemm ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq. F'dan il-kaz, il-Qorti Kostituzzjonali qalet illi "*Ghalhekk, li trid taghmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi li ngiebu kontrieh u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li ghandha taghmel din il-qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghal ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq u hekk inholoqx il-perikolu illi l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dan il-perikolu, mela ma hemmx ksur*."

In oltre, fis-sentenza fl-ismijiet **John Attard vs Onorevoli Prim Ministru et** deciza fil-31 ta' Mejju 2013, il-Qorti Kostituzzjoni regghet irriteniet illi:

*"Il-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq iseħħ meta l-istqarrija tittieħed abużivament u mhux bil-fatt biss li tkun ittieħdet mingħajr l-għajnuna ta' avukat. Il-kwistjoni għalhekk għandha tkun jekk l-attur kienx daqshekk f'pożizzjoni ta' vulnerabilita`, djgħufija jew biża' illi l-esperjenza ta' interrogazzjoni mill-pulizija fl-assenza ta' avukat kellha influwenza fuqu hekk li ġġiegħlu jistqarr ħtijiet u fatti li ma għandhomx mis-sewwa u li għalhekk toħloq il-perikolu li jinstab ħati meta fil-verita' ħati ma jkunx."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Deborah Osmond**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Ottubru 2013, inghad hekk fir-rigward tal-istqarrija rilaxxjata mill-appellata f'dawk il-proceduri:

"*Irrizulta mill-provi illi l-prosekuzzjoni resqet bhala addebitu kontra l-appellata l-istqarrija biss peress li ma hemm l-ebda xhieda ohra ma xhiex setghet tikkorrobora din l-istess stqarrija. Irrizulta illi l-appellata kienet tfajla ta' 18 il-sena b'fedina penali nadifa li sabet ruhha arrestata mill-pulizija in konnessjoni ma' reat illi gie kommess minn haddiehor u kien biss waqt l-intervista taghha mal-pulizija illi ammettiet illi hadet id-droga ecstasy xi sena qabel l-intervista. Veru illi fl-istqarrija hemm imnizzel illi l-appellata giet moghtija l-caution, imma kemm kienet effettiva din it-twissija jew kemm fehmitha stante l-eta' tenera taghha f'dawk ic-cirkostanzi din il-Qorti ferm tiddubita. Ghalhekk irrizulta illi l-unika prova illi resqet il-prosekuzzjoni kontra l-appellata hija l-istqarrija u darba din ma tinsabx korroborata minn xhieda ohra jkun perikoluz illi l-Qorti ssib htija fuq din il-prova biss. Terga' din il-Qorti jidhrilha illi bhala tfajla ta' l-eta' ta' 18 il-sena, ghad illi din hija eta' maggioritarja, l-appellata kellha titqies bhala persuna vulnerabbli illi*

*facilment kienet impressjonata bil-prezenza tal-pulizija u l-fatt illi kienet qed tigi nterrogata minnhom. Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi fuq l-iskorta ta' dawn id-decizjonijiet ricenti l-Ewwel Qorti ghamlet sew li skartat l-istqarrija u peress li ma kienx hemm provi ohra waslet ghal liberatorja ta' l-appellata. Din il-Qorti jidhrilha illi l-Ewwel Qorti fuq il-provi illi kellha quddiemha waslet ghal konkluzjoni gusta u din il-Qorti ma thossx li ghandha tiddisturba din il-konkluzjoni.*"

Issa dakinhar tal-arrest tieghu, l-imputat kellu sbatax-il sena.[3] Biss kuntrarjament ghal dawk il-kazijiet hawn fuq citati, fejn il-Qrati skartaw l-istqarrija a bazi tal-eta` minorenni jew altrimenti tenera tal-imputati li rrilaxxjawhom u dan minhabba l-konsegwenti vulnerabilita` tal-istess, f'dan il-kaz, l-imputat odjern ma kellux fedina penali netta fiz-zmien in kwistjoni u ghalhekk ma jistax jinghad illi ma kienx midhla tal-pulizija jew tal-ambjent fejn isir l-interrogatorju. Fil-fatt, mill-fedina penali tieghu, jirrizulta illi qabel dan il-kaz, l-imputat kien instab hati ta' serq aggravat f'zewg okkazzjonijiet differenti u minn vera kopja ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminalii, esebita mill-Prosekuzzjoni[4] fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Omissis' datata 12 ta' Marzu 2007, f'liema sentenza hemm indikat in-numru tal-karta tal-identita` tal-imputat Omissis li huwa identiku ghal dak tal-imputat odjern, jirrizulta illi fuq ammissjoni, l-imputat flimkien ma' terza persuna, instab hati ta' serq aggravat u hsara volontarja. Certament illi dan il-kaz kien jehtieg investigazzjoni da parti tal-Pulizija u kif inghad ghalhekk, l-ambjent li sab ruhu fih l-imputat ma kienx gdid ghalih. L-eta` m'hijiex l-unika kunsiderazzjoni li ghandha tiehu kont taghha l-Qorti meta tigi biex tikkunsidra l-vulnerabbilita` o meno ta' individwu. Persuna tista' tkun minorenni, izda c-cirkostanzi jistghu jkunu tali illi qajla wiehed ikun jista' jqis lil dik il-persuna bhala vulnerabbli. In oltre l-imputat lanqas allega li kien ibati minn xi forma ta' vulnerabilita` ohra u lanqas li l-istqarrija tieghu ttiehdet bi vjolenza, qerq, theddid jew twebbil ta' xi vantaggi. Veru li fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, l-imputat allega illi qabel irrilaxxja l-istqarrija, l-Ufficjal Investigatur qallu biex ma jqabbadx avukat, li hu kien ghadu zghir u twerwer u li l-istess Ufficjal Investigatur qallu biex jiffirma l-istqarrija u jibghatu 'l hemm ghax skond hu, dan qallu li kellu kaz hafna ikbar minn tieghu u li lanqas qralu l-istqarrija. Madankollu, f'dan il-kaz, apparti mill-kunsiderazzjonijiet maghmula izjed 'il fuq ossia illi din ma kinitx l-ewwel esperjenza tal-imputat ta' interrogatorju minkejja l-eta` tenera tieghu, il-Qorti tinnota illi l-ewwel darba li d-difiza kkontestat l-istqarrija kien fis-seduta tal-15 ta' Frar 2012 ossia kwazi sentejn wara li bdiet tinstema' l-kawza u minn meta

---

[3] Jirrizulta mill-Att tat-Twelid tal-imputat li huwa twieled fit-23 ta' Frar 1991, fil-waqt illi huwa gie arrestat nhar is-16 ta' Novembru 2008.

[4] A fol. 15 *et seq* tal-process.

giet rilaxxjata l-istqarrija fis-16 ta' Novembru 2008 sa dakinhar ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni dwarha. Mhux biss talli waqt il-kontro-ezami tal-Ispettur Jesmond J. Borg, id-difiza ma ghamlet l-ebda domanda li tista' b'xi mod tindika li kienet qeghda tigi kontestata l-volontarjeta` tal-istqarrija tal-imputat. Anzi d-domandi kienu unikament intizi sabiex ma jkunx hemm ekwivoci dwar dak li kien ammetta l-imputat fl-istqarrija tieghu. Terga' u tghid matul ix-xhieda tal-imputat f'dawn il-proceduri, id-difiza taghmel referenza ghall-istqarrija kollha tal-imputat li, da parti tieghu, tista' tghid jikkonfermaha kwazi kollha, hlief ghall-punt wiehed li kif ser jinghad izjed 'l isfel, fil-fehma tal-Qorti ma jaghmilx differenza dwar il-htija o meno tal-imputat. Anke fis-sottomissjonijiet finali taghha, id-difiza taghmel referenza ghall-istqarrija tal-imputat u ssosnti d-difiza taghha a bazi tal-istess stqarrija.

Ghaldaqstant, f'dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti jidhrilha illi l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat abbinata ma' provi ohrajn li jirrizultaw mill-atti, hija ammissibbli u din ser tigi kkunsidrata fl-ambitu tal-provi kollha li gew imressqa quddiemha.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Deciz dan il-punt, il-Qorti tinnota illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat jghid illi ghalkemm ma kienx qed jahdem fiz-zmien in kwistjoni, huwa kien jahdem sa hmistax qabel. Jghid illi huwa kien ilu jabbuza mill-kokaina ghal dawk l-ahhar tmien xhur u li wahdu, f'lejl shih jehodhom tliet pakketti, ghalkemm din ma tkunx ta' kuljum. Mitlub jispjega dwar kif instab fil-pussess ta' pakketti bi trab abjad gewwa c-*Chapters*, huwa jghid illi fil-jum ta' qabel, xi siegha u nofs jew saghtejn qabel mar Marsaskala, huwa mar jixtri sitt pakketti bid-droga kokaina. Aktar tard, mar ic-*Chapters* flimkien mat-tfajla u x'hin wasal, iltaqa' ma' shabu. Jghid illi huwa kellu jiltaqa' ma' shabu hemmhekk, peress illi kellu xi pakketti ghalihom. Izda wara li kienu lahqu hadu biss zewg pakketti, huwa nqabad mill-Pulizija u gie arrestat. Jghid illi huwa jixtri pakkett ta' 0.8 grammi bil-prezz ta' €60, izda ma' hames pakketti, inghata pakkett li kien fih gramma b'xejn. Hu u shabu kienu diga` hargu l-flus bejniethom – huwa hareg €120, siehbu hareg €120 u tfajla harget €60 – u huwa zamm il-pakketti ghandu. Iz-zewg pakketti li lahqu kkunsmaw kienu haduhom gewwa l-*bar Speak Easy* u dan billi l-ewwel dahlu hu u siehbu u hadu minn pakkett billi ghamlu linja u mbaghad hadu l-kumplament tal-pakkett it-tnejn l-ohra u dan billi ghamlu linja huma bejniethom. Jghid illi l-pakkett kien f'idejh u lill-ohrajn tahulhom hu. Ftit wara ghamlu l-istess b'pakkett iehor. Huwa u siehbu hadu nofs u t-tnejn l-ohra hadu n-nofs l-iehor ghal rashom. Mistoqsi minn fejn kien igib il-flus la darba ma jahdimx, l-imputat wiegeb illi sa hmistax qabel kien

jahdem u ghalhekk kien baqghalu flus. Jghid illi meta xtara l-kokaina ma kienx wahdu u li mieghu kien hemm siehbu li kellu sehem minnha. Jghid ukoll illi dejjem huwa jmur jixtri d-droga izda mhux wahdu u dan skond min ikun jaf. Mistoqsi jekk gieli hax xi tip ta' droga ohra, huwa jghid illi gieli ha ftit *smoke* ghalkemm mhux b'mod regolari, li huwa ma jixtrix minnha, izda jiddobba biss.

Fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri[5], imbaghad, l-imputat ikkonferma li huwa gie mwaqqaf mill-Pulizija hekk kif kien diehel it-*toilet* gewwa *Chapters* f'Marsaskala u li minn tfittxija li saret fuqu nstabitlu borza bil-pakketti fiz-zarbuna, li hadulu l-*mobile* u xi haga tal-flus li kellu (fuq €100) u gie arrestat. Dan kien xi s-1.30 a.m. Jghid illi sa hmistax qabel, huwa kien jahdem ma' certu Vince Attard. Jghid illi huma kienu qeghdin erbgha u dak il-hin li twaqqaf kien diehel it-*toilet* ma' siehbu, izda meta huwa gie mwaqqaf mill-pulizija, siehbu baqa' ghaddej. Jghid ukoll illi l-pakketti li nstabu fuqu ma kinux tieghu biss ghaliex il-flus ghal dawn il-pakketti nqasmu bejn tlieta, li huma kienu qeghdin erbgha, izda wahda minnhom ma hargitx flus. Mitlub jiccara dak li qal fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid illi ftit qabel gie arrestat mill-Pulizija, jigifieri ftit qabel ma kien gewwa *Chapters*, flimkien ma' shabu kien qieghed gewwa *bar* iehor, *Speak Easy*, li kien jinsab vicin hafna ta' *Chapters*. Kienu qeghdin l-erbgha li huma u cioe` hu, siehbu u zewg tfajliet, fil-karozza u hu u siehbu marru jixtru d-droga flimkien. L-imputat jghid illi huwa u siehbu nizlu mill-vettura fl-istess triq fejn hemm ic-cinema gewwa Wied il-Ghajn, telghu fil-karozza tal-fornitur, hu u siehbu hargu €120 u wahda mit-tfajliet harget €60, fil-waqt li l-ohra ma kellhiex flus, il-fornitur tahom hames pakketti bil-flus u tahom pakkett iehor b'xejn. Qabel gie arrestat mill-Pulizija, huma kienu diga` gibdu zewg pakketti gewwa *Speak Easy*. Dan ghamluh billi l-ewwel dahlu hu u siehbu fit-*toilet*, imbaghad taw id-droga lit-tfajliet u t-tfajliet ikkunsmawha fit-*toilets* tan-nisa. Fil-frattemp, il-pakketti kollha zammhom fuqu hu. Kien ghalhekk illi l-Pulizija sabulu erba' pakketti meta waqqfuh. L-imputat jghid ukoll illi meta waslu *Chapters* kienu ser jaghmlu l-istess, fis-sens illi kienu ser jidhlu fit-*toilets* huwa u siehbu u jiehdu nofs pakkett u x'hin johorgu jaghtuh lit-tfajliet biex ikomplu jiehdu huma. Fix-xhieda tieghu, l-imputat jikkontesta dik il-parti fl-istqarrija fejn huwa qal illi xi siegha u nofs jew saghtejn qabel mar Marsaskala, huwa xtara sitt pakketti bid-droga kokaina u li izjed tard mar *Chapters* flimkien mat-tfajla tieghu biex jiltaqa' ma' shabu ghaliex kellu xi pakketti ghalihom. Dwan dan fix-xhieda tieghu, l-imputat jghid illi huma kienu lkoll flimkien gewwa *Speak Easy*, li marru *Chapters* ilkoll flimkien u ghalhekk ma jistax ikun li kellu l-pakketti ghalihom minn qabel. Jghid illi l-pakketti kienu kollha taghhom. Dwar dan jghid illi l-Ispettur Borg lanqas qralu l-istqarrija u li

[5] A fol. 78 tal-process.

donnu kien mghaggel biex jibghatu l'hemm ghaliex kellu kaz iehor ferm ikbar u ghalhekk qallu biex jiffirma l-istqarrija u jibghatu. Mistoqsi allura jekk kienx qed jichad li lill-Ispettur qallu dan id-diskors, huwa wiegeb li lill-Ispettur huwa ma kienx qallu li l-pakketti kienu ghandu biex ibieghhom lil shabu, ghaliex huma qasmu l-flus bejniethom biex inxtraw. Rega' qal illi x'hin xtrahom huwa ma kienx wahdu, izda kien ma' siehbu u li xtrawhom minn Marsaskala meta kienu flimkien u ma xtrahomx qabel wasal Marsaskala, kif kien qal fl-istqarrija tieghu. Mill-bqija, l-imputat ikkonferma l-istqarrija kollha rilaxxjata minnu.

Fis-sottomissjonijiet finali taghha, id-difiza issostni illi dan huwa kaz ta' traffikar *by sharing* u li ghalhekk japplikaw id-disposizzjonijiet tal-proviso tal-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Id-difiza ssosnti wkoll illi kuntrarjament ghal dak li tissottometti l-Prosekuzzjoni fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, jirrizulta car illi d-droga kienet qeghda tigi kkunsmata mill-erbat ihbieb, inkluz l-imputat, fl-istess lok, hin u cirkostanzi u li allura ma taghmel l-ebda differenza li minhabba ragunijiet ovvji l-imputat u siehbu kkunsmaw id-droga fit-*toilets* tal-irgiel, mentri t-tfajliet ikkunsmaw id-droga fit-*toilets* tan-nisa, la darba kienu dejjem fl-istess stabbiliment. L-element ta' komunanza skond id-difiza jirrizulta car. Da parti taghha, il-Prosekuzzjoni tissottometti illi dan m'huwiex kaz ta' traffikar *by sharing* ghaliex id-droga ma gietx ikkunsmata fl-istess hin, lok u cirkostanzi u dan ghaliex fil-waqt illi kien hemm element ta' komunanza bejn l-imputat u siehbu, ma jistax jinghad l-istess ghat-tfajliet, li kkunsmaw id-droga ghal rashom u mhux fl-istess post fejn abbuzaw mid-droga l-imputat u siehbu, apparti illi t-tfajliet ma abbuzawx mill-istess linja ta' kokaina li abbuzaw minnha l-guvintur.

Fl-ewwel lok, il-Qorti tirrileva illi ghalkemm il-Prosekuzzjoni, fin-nota taghha, tghid illi l-imputat m'huwiex kredibbli meta jghid illi huwa nghata gramma kokaina b'xejn, biex b'hekk hallas biss ghal hames pakketti minn sitta, m'hemm xejn fl-atti li jista' jitfa' dubju dwar il-verzjoni tal-imputat. Ghalkemm il-Qorti tinnota wkoll illi l-imputat fl-istqarrija tieghu jghid illi huwa jixtri pakkett ta' 0.8 grammi bil-prezz ta' €60, mentri t-trab fil-boroz li nstabu fil-pussess tieghu kellhom pizijiet diversi ta' 0.49 grammi (tnejn minnhom), 0.78 grammi u 0.64 grammi rispettivament, a bazi ta' dan ma ssib l-ebda raguni ghalfejn m'ghandhiex temmen il-verzjoni tal-imputat, tenut kont ukoll illi l-imputat zamm dejjem mal-verzjoni li huwa ta *a tempo vergine* ftit tal-hin wara li nqabad, hlief ghal diskrepanza wahda, kif inghad izjed 'il fuq u li in oltre m'hemm xejn straordinarju illi fid-dinja tad-droga wiehed minghalih li qed jinghata tant droga, mentri fil-fatt ikun qed jinghata inqas.

Il-Qorti madankollu tirrileva illi apparti l-element tal-komunanza, hemm tal-inqas element iehor li jehtieg li jkun sodisfatt sabiex ikun jista' jirrizulta t-traffikar *by sharing*. Fis-sentenzi tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Marco Galea** u **Il-Pulizija vs Russell Bugeja**, it-tnejn decizi fil-5 ta' Mejju 2008, fejn il-Qorti fliet bir-reqqa l-elementi ta' *sharing* kif ikkontemplat fil-*proviso* ghas-sub-artikolu (9) tal-Artikolu 22 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qalet hekk:

"*Is-subartikolu (9) in dizamina jipprovdi li ghar-reat, fost ohrajn, ta' bejgh jew traffikar ta' droga bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija Ordinanza ma jkunux applikabbli d-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 21 (inzul taht il-minimu) u 28A (sentenza ta' prigunerija sospiza) tal-Kodici Kriminali, kif ukoll lanqas ma jkunu applikabbli d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Probation. Ir-rizultat ta' din il-projbizzjoni hi li fil-kaz ta' tali bejgh jew traffikar trid dejjem tigi applikata l-piena ta' prigunerija u ta' multa ghall-anqas fil-minimu taghhom – f'dan il-kaz, trattandosi ta' proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati, il-minimu huwa ta' sitt xhur prigunerija u multa ta' Euro 465.87. L-ewwel proviso ghal dan is-subartikolu gie introdott ... bl-Att XVI ta' l-2006, u jipprovdi hekk:*

***"Izda meta, dwar xi reat imsemmi f'dan is-subartikolu, wara li jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz l-ammont u x-xorta tal-medicina in kwistjoni, ix-xorta ta' persuna involuta, l-ghadd u n-natura ta' kull kundanna li l-persuna kellha qabel, inkluzi kundanni li dwarhom tkun saret ordni taht l-Att dwar il-Probation, il-Qorti tkun tal-fehma li l-hati kien bi hsiebu jikkonsma l-medicina f'dak l-istess post flimkien ma' ohrajn, il-Qorti tista' tiddeciedi li ma tapplikax id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu…"*** *(sottolinear ta' din il-Qorti).*

*Huwa evidenti mid-dicitura tal-ligi li, apparti konsiderazzjonijiet ohra li l-qorti ghandha tizen sew qabel ma tapplika dan l-ewwel proviso (fosthom l-ammont u x-xorta ta' medicina involuta, ecc), trid tkun tirrikorri wkoll sitwazzjoni partikolari fejn id-droga tkun ser tigi, jew tkun giet, ikkunsmata (i) fl-istess post u (ii) minn min ikun qed jipprovdiha flimkien ma' ghall-anqas persuna ohra. Il-kliem "flimkien" u "fl-istess post" jissottolineaw l-element ta' komunanza – dak li aktar popolarment jissejjah "sharing" – jigifieri li dak li jkollu id-droga intiza ghalih jiddeciedi li jaqsamha ma' haddiehor f'dak l-istess waqt li jkun qed jikkunsmaha huwa stess. Kif inhu risaput, fil-ligi taghna min joffri d-droga, li jkollu ghall-uzu tieghu, lil haddiehor – cioe` jaqsamha ma' haddiehor – ikun qieghed jipprovdi ("supply" fit-test ingliz) dik id-droga ghall-finijiet tad-definizzjoni ta' traffikar (Art. 22(1B)), u, per konsegwenza, ikun qed jitraffika dik id-droga. Dak li l-legislatur ried kien li meta jkollok kazijiet zghar u izolati ta' "sharing" – persuna*

*jkollha d-droga ghaliha u taqsamha ma' haddiehor – tkun tista' (izda mhux bilfors – ghalhekk iridu jitqiesu c-cirkostanzi kollha tal-kaz) tigi evitata, ghall-anqas ghall-ewwel darba, il-piena mandatorja ta' prigunerija b'effett immedjat.*"

Issa, fil-kaz in dizamina, l-imputat jghid illi flimkien ma' siehbu huwa xtara d-droga kokaina, kemm ghalih u ghall-istess siehbu, kif ukoll ghal zewg tfajliet ohrajn li kienu qeghdin mieghu u ma' siehbu fil-lejl in kwistjoni. Fl-istqarrija tieghu, huwa jghid illi huwa u siehbu akkwistaw id-droga xi siegha u nofs jew saghtejn qabel wasal Marsaskala, mentri fix-xhieda tieghu, huwa jikkontesta din il-parti tal-istqarrija u jghid illi d-droga kokaina giet akkwistata minnu u minn siehbu minn Marsaskala stess, ftit tal-mumenti qabel ma waslu fil-*bar Speak Easy* u meta ghalhekk diga` kien fil-kumpanija tat-tlett ihbieb tieghu. Fil-fehma tal-Qorti, il-mument preciz li fih l-imputat flimkien ma' siehbu, akkwista d-droga ghalih u wkoll ghal shabu l-ohrajn ma jaghmilx differenza ghad-decizjoni dwar din il-vertenza ossia jekk dan sehhx kif jghid huwa fl-istqarrija tieghu jew inkella kif jghid meta xehed. Skond il-verzjoni tieghu, kemm fl-istqarrija, kif ukoll fix-xhieda tieghu, ghalkemm il-kokaina in kwistjoni in parte giet ikkunsmata u in parte kienet ser tigi kkunsmata fl-istess stabbiliment mill-imputat u minn shabu, huwa nieqes wiehed mill-elementi ta' *sharing* kif spjegat fil-bran hawn fuq citat. L-imputat jghid car u tond illi meta nxtrat id-droga kokaina, hu u siehbu xtraw id-droga ghalihom u <u>ghal haddiehor ukoll</u> ossia ghaz-zewg tfajliet li kienu hargu maghhom. Fi kliem iehor, l-imputat u siehbu li kien prezenti mieghu, xtraw il-kokaina mhux biss ghalihom, izda wkoll ghal dawn iz-zewg tfajliet, ghalkemm l-intenzjoni jidher li kienet li l-kokaina tigi kkunsmata minnu u minn shabu fl-istess stabbiliment jew stabbilimenti f'dak il-lejl. Ma kienx ghalhekk il-kaz li l-imputat kien bi hsiebu jikkonsma jew jaqsam il-kokaina <u>li kellu ghall-uzu tieghu</u> jew <u>li kienet intiza ghalih</u> ma' shabu, jew li offra mill-kokaina li kienet hekk intiza ghalih lil shabu, ghaliex *a priori* huwa u siehbu, xtraw il-kokaina mhux biss ghalihom, izda <u>wkoll ghal haddiehor</u> u sussegwentement zammha hu, bl-intenzjoni ghalhekk li jipprovdi lil shabu (kemm dak li kien mieghu meta nxtrat, kif ukoll lill-ohrajn) bil-kokaina li kienet inxtrat appozitament ghalihom, kif fil-fatt ghamel, tant illi huwa stess jghid fl-istqarrija u jikkonferma fix-xhieda tieghu, illi lit-tfajliet, id-droga kien qed jaghtihilhom hu stess. Terga' u tghid, apparti li siehbu hareg sehemu mill-prezz tad-droga flimkien mal-imputat, wahda mit-tfajliet ukoll hallset u harget sehemha ghad-droga li l-imputat u siehbu kienu xtrawlha. Ghalhekk l-imputat ipprovda d-droga lil din it-tfajla versu l-korrispettiv ta' hlas.

Fil-fehma tal-Qorti, dawn ic-cirkostanzi ma jammontawx ghal *sharing* kif ikkontemplat mil-ligi u konsegwentement m'huwiex applikabbli l-*proviso* ghall-Artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni dwar il-pussess aggravat tad-droga kokaina, m'hemmx wisq x'jinghad ghaliex la darba l-imputat qed jinstab hati tat-traffikar tad-droga kokaina fic-cirkostanzi fuq spjegati, isegwi wkoll illi huwa kellu l-pussess aggravat tal-istess. Jirrizulta car u b'ammissjoni tieghu stess illi l-imputat kellu fil-pussess tieghu mhux biss dik id-droga kokaina li kienet intiza ghalih, izda wkoll id-droga li kienet intiza ghal shabu, liema droga huwa baqa' jzommha fuq il-persuna tieghu, sakemm gie arrestat mill-Pulizija.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni ppruvat sodisfacentement u fil-grad rikjest mil-ligi, l-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, b'dan illi qed tinstab htija biss ghar-rigward tal-lejl bejn il-15 u s-16 ta' Novembru 2008 u mhux ghar-rigward tal-granet ta' qabel. Ghalkemm l-imputat jghid fl-istqarrija tieghu illi meta jkunu ser jiehdu d-droga, imur jixtri hu u li dan ma jaghmlux wahdu, m'hemm l-ebda referenza la fl-istess stqarrija u lanqas band'ohra fl-atti li turi li l-imputat ghamel dan fil-jiem ta' qabel il-lejl in kwistjoni.

Permezz tat-tielet imputazzjoni, imbaghad, l-imputat gie akkuzat talli kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta tal-*cannabis* u dan b'referenza ghal-lejl ta' bejn il-15 u s-16 ta' Novembru 2008. Din l-imputazzjoni hija bbazata biss fuq l-istqarrija tal-imputat, kif ikkonfermatha minnu fix-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri, ghaliex fil-lejl in kwistjoni fil-pussess tal-imputat ma nstabet l-ebda raza tal-*cannabis*. Issa fl-istqarrija tieghu, meta mistoqsi jekk gieli hax xi tip ta' droga ohra, l-imputat jghid "*Li gieli hadt huwa ftit smoke pero` mhux regolari … Jien ma nixtrix smoke. Li niddobba biss*". Minn dan certament ma jirrizultax illi l-imputat kellu fil-pussess tieghu r-raza tal-*cannabis* fil-lejl in kwistjoni jew anke fil-jiem ta' qabel.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni ma gietx sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Finalment, l-imputat gie akkuzat ukoll talli kkommeta reat waqt il-perjodu operattiv ta' Ordni ta' *Probation*, moghtija permezz ta' sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta), kif preseduta mill-Magistrat Dr. D. Clarke LL.D. Il-Prosekuzzjoni esebiet vera kopja ta' sentenza moghtija mill-imsemmija Qorti fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Omissis datata 12 ta' Marzu 2007 u li permezz taghha, l-imputat Omissis gie imqieghed taht Ordni ta' *Probation* ghal zmien sentejn mid-data tal-istess sentenza. Jirrizulta wkoll mill-istess sentenza illi l-konnotati tal-imputat f'dak il-kaz, inkluz in-numru tal-karta tal-identita` tieghu, huma identici ghall-konnotati tal-imputat odjern. Ghalhekk, la darba l-imputat ikkommetta r-

reati odjerni fil-lejl ta' bejn il-15 u s-16 ta' Novembru 2008, isegwi illi tali reati gew kommessi fil-perjodu operattiv ta' din l-Ordni ta' *Probation*.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni giet sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar il-Piena</u>**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in kunsiderazzjoni, fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat, li kif inghad izjed 'il fuq, fiz-zmien tar-reati odjerni, kienet tinkludi sejbien ta' htija f'zewg okkazzjonijiet precedenti fis-sena 2007 dwar serq aggravat, dwar liema l-imputat fl-ewwel okkazzjoni inghata liberazzjoni kundizzjonata u fit-tieni okkazzjoni inghata l-Ordni ta' *Probation* mertu tar-raba' imputazzjoni.

Qieset ukoll illi t-trab bid-droga kokaina li nstab fil-pussess tal-imputat kellu piz ta' 2.4 grammi, b'purita` ta' cirka 38.3% u c-cirkostanzi li taw lok ghal dan il-kaz. Il-Qorti kkunsidrat ukoll illi ghalkemm l-imputat ma rregistrax ammissjoni f'dawn il-proceduri, biss huwa mill-ewwel ikkopera mal-Pulizija matul l-investigazzjoni taghha, kif jirrizulta car mill-istqarrija rilaxxjata minnu u wkoll illi l-imputat kien minuri fiz-zmien tal-kaz odjern. Ghalhekk il-Qorti qeghda tapplika d-disposizzjonijiet tal-Kap. 37 tal-Ligijiet ta' Malta. Qieset ukoll illi mix-xhieda tal-imputat jidher illi llum huwa ghandu mpjieg regolari u illi ilu fih ghal dawn l-ahhar hames snin.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qeghda tapplika wkoll id-disposizzjonijiet tal-Kap. 17(h) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u qeghda ghalhekk tqis ir-reat fit-tieni imputazzjoni bhala mezz ghal fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat ikkontemplat fl-ewwel imputazzjoni.

Il-Qorti tqis ukoll illi l-imputat ikkommetta r-reati odjerni waqt il-perjodu operattiv ta' Ordni ta' *Probation* ai termini tar-raba' imputazzjoni u in vista tan-natura tar-reati li huwa kkommetta waqt il-perjodu operattiv ta' din l-Ordni, il-Qorti tqis illi ghandha titratta mieghu dwar ir-reati li taghhom huwa kien instab hati permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-12 ta' Marzu 2007. Ghal fini ta' piena dwar dawn ir-reati, il-Qorti qeghda tqis li l-imputat kien minuri ta' hmistax-il sena meta kkommetta l-imsemmija reati u qeghda ghaldaqstant tapplika d-disposizzjonijiet tal-Kap. 37 billi tnaqqas il-piena b'zewg gradi. Qieset ukoll ir-reat fit-tielet imputazzjoni (f'dik is-sentenza) ossia r-reat ta' hsara volontarja, bhala mezz ghal fini sabiex seta' jigi kommess ir-reat fit-tieni imputazzjoni (f'dik is-sentenza) u applikat id-disposizzjonijiet tal-Artikolu

17(b) tal-Kap. 9 fir-rigward tar-reat ta' traffikar ta' droga kokaina fl-ewwel imputazzjoni tal-kaz odjern u tar-reati ta' serq aggravat li taghhom instab hati fis-sentenza tat-12 ta' Marzu 2007 u li dwarhom qeghda titratta mieghu f'din is-sentenza. In oltre, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif indikati izjed 'il fuq, kif ukoll ic-cirkostanzi li qieset il-Qorti kif diversament preseduta fis-sentenza taghha tat-12 ta' Marzu 2007, il-Qorti qeghda tapplika piena ta' prigunerija fil-minimu taghha.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 17(b) u (h), 20, 31, 37, 261(b), (c), (d), (f) u (g), 263, 264, 267, 268, 270, 278, 279, 280, 281 u 325 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 23 tal-Kap. 446, qed issib lill-imputat mhux hati tat-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnha, b'dan illi qed issibu hati tal-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet (bl-ewwel u t-tieni imputazzjoni limitatament ghal lejl ta' bejn il-15 u s-16 ta' Novembru 2008) u fil-waqt illi fir-rigward tar-raba' imputazzjoni, qeghda titratta mieghu dwar ir-reati li taghhom huwa nstab hati minn din il-Qorti, kif preseduta mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke, bis-sentenza taghha tat-12 ta' Marzu 2007, daqs li kieku ghadu kemm gie dikjarat hati minn jew quddiem din il-Qorti dwar dawk ir-reati u fil-waqt illi ghal kull buon fini tikkonferma tali htija, qed tikkundannah ghal piena komplessiva ta' **seba' (7) xhur prigunerija effettiva** u **ammenda ta' hamsa u hamsin Euro (€55)**.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-esperti f'dawn il-proceduri ossia l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-Ispizjar Mario Mifsud ammontanti ghas-somma ta' erba' mija u hames Euro u hames centezmi (€405.05) u l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni ta' Dr. Martin Bajada, ammontanti ghas-somma ta' mitejn, tmienja u erbghin Euro u disgha u sebghin centezmu (€248.79), b'kollox tali spejjez jammontaw ghas-somma ta' sitt mija, tlieta u hamsin Euro u erbgha u tmenin centezmu (€653.84). Dawn l-ispejjez ghandhom jithallsu minnu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga, esebita bhala parti minn Dokument JB2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema

dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Stante illi ma jirrizultax illi dawn il-flus kienu provenjenti minn xi bejgh ta' droga, il-Qorti qeghda tordna r-rilaxx tas-somma ta' mija u hmistax-il Euro (€115), kif ukoll il-*mobile,* esebiti bhala parti minn Dokument JB2, favur il-hati.

Stante illi kien minuri fiz-zmien tal-kaz odjern, il-Qorti qeghda tordna d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-hati.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat